MALTA

# BORD LI JIKKONTROLLA L-KIRI TAR-RABA MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta ta' 11 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 13/1997/1

**Boomer & Co Ltd**

**Vs**

**Alessio Galea**

Ic-"Chairman" tal-Bord,

Ra r-rikors in esami li bih is-socjeta rikorrenti wara li ppremettiet ili hija sid ta' l-art imqabbla lill-intimat maghrufa bhala r-raba fil-Bizbizja, limiti tal-Mosta, konsistenti f'porzjoni raba ta' ghaxart itmiem;

Illi s-socjeta ghandha bzonn l-istess raba ghall-bzonnijiet taghha, u dan billi trid tuzha ghall-biedja;

Illi d-direttur u azzjonist tal-istess socjeta, Geoffrey Grech, huwa biedwi u ilu ghal din l-ahhar sena u nofs bla xoghol

u ghalhekk jixtieq jahdem din l-art sabiex jaqla l-ghixien tieghu u tal-familja tieghu;

Illi dan id-direttur tas-socjeta rikorrenti ghandu ukoll tifel ta‘ ghoxrin sena li jinsab bla impjieg u li lest li jahdem l-istess art;

Illi l-intimat m’ghandux familja u ghalhekk m’ghandux familjari dipendenti fuqu;

Illi minn naha l-ohra d-direttur tas-socjeta rikorrenti ghandu familja b’zewgt itfal dipendenti fuqu;

Talbet bir-rispett li dan l-Onorabbli Bord joghgbu jittermina l-lokazzjoni tal-precitata raba peress li huwa jehtieg r-raba biex juzaha ghal skopijiet agrikoli minnu personalment u minn ibnu sabiex jaqilghu l-ghixien taghhom,

Bl-ispejjes. L-intimati gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-intimat (fol 4 tal-atti) u li biha espona bir-rispett:

1. Illi in linea preliminari ir-rikors promotur huwa irritwali u null ghax ma jaghtix dettalji tal-proprjeta’ li qed tintalab lura bhala kera u qbiela li qed jithallas u meta jiskadi il-qbiela korrenti. Lanqas ma jikkontjeni talba ghall-likwidazzjoni tal-kumpens li jista’ talvolta ikun dovut lill-esponent, kif jipprovdi l-art. 4 (1) tal-Kap. 199.

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talba mhix qed issir f’isem is-socjeta rikorrenti imma biex tinhadem minn xi hadd “personalment” u “ibnu” , sabiex jaqilghu l-ghixien taghhom, dan probabbilment referibbli ghall Geoffrey Grech u ibnu. Imma ladarba il-proprjetarju u l-lokatur hija is-socjeta rikorrenti, il-bzonn irid ikun tal-istess socjeta’ u mhux tad-diretturi jew azzjonisti taghha u uliedhom. Dawn ghandhom personalita’ guridika ghal kollox separata u distinta minn dik tas-socjeta’ u ghalihom ma japplikax il-kuncett tal-bzonn ta’ membri tal-familja. Trid

tkun is-socjeta' li tezercita il-biedja f'dan il-kaz u li ghandha bzonn tirriprendi il-pussess tal-art de quo.

3. Illi bla pregudizzju, sa fejn jaf l-esponent, Geoffrey Grech huwa teacher u anke ghandu xi skola tieghu. La hu u lanqas ibnu li jissemma fir-rikors ma huma bdiewa.

4. Illi l-intimat huwa "full time farmer" u dan ir-raba huwa fonti importanti tal-ghixien tieghu.

5. Illi mhux minnu li l-intimat m'ghandux familja u familjari dipendenti fuqa. Ghal kuntrarju ghandu zewg xebbiet zghar jghixu mieghu. X'ghandu xi direttur tas-socjeta' rikorrenti hi konsiderazzjoni ghal kollox irrilevanti.

6. Illi, f'kull kaz, il-hardship li jsofri l-intimat, jekk jigi zgumbrat minn din l-art, ikun ferm u ferm akbar minn dak tas-socjeta' rikorrenti, kif zgur ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tar-rikors, li ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra s-socjeta rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz dak verbalizzat a fol 17, 19, 23, 25, 26, 29 u 31 tal-atti.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-intimat ormai mejjet, u li tinsab a fol 20 sa fol 21 tal-atti.

Ikkunsidra

Illi in konnessjoni ma dan il-kaz, meritu identiku ghalih, di gja, gie trattat u decis minn dan il-"Bord" kif ukoll mill-Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza moghtija fis-16 ta' Marzu 2001, pero b'intimat differenti (rikors numru 12B/97 fl-ismijiet "Boomer and Company Limited vs Nikola Vella).

Ikkunsidra

Illi kif jidher mis-sentenza citata, it-talba tas-socjeta' rikorrenti kienet giet michuda, ghar-ragunijiet premessi, fl-istess sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell.

Ikkunsidra

Illi, fil-kaz in desamina, oltre il-meritu anke c-cirkostanzi tal-kaz huma identici, u ghalhekk anke f'dan il-kaz il-konkluzzjoni trid tkun l-istess, ghar-ragunijiet moghtija fl-istess sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell.

Illi jkun, pero' opportun li tigi citata l-istess sentenza fejn inghad "Biex talba bhal dik proposta mis-socjeta appellanti jkollha success bil-kambjali li fuqa kienet bazata din kellha necessarjament tistrieh fuq il-prova, li kienet is-socjeta "ut sic" li riedet tirriprendi l-pussess tar-raba', u l-bzonnijiet kienu taghha u mhix ta' terzi, inkluzi f'dawn, l-azzjonisti u d-diretturi.  Kien hawn li r-rikors promotur jfalli ……. ghaliex l-premessi ghat-talba ma humiex bl-ebda mod relatati mal-bzonn tas-socjeta li tahdem ir-raba'  fl-interess tal-kollettivita' ………… imma kienu kollha kemm huma impernjati fuq il-bzonn personali u partikolari tad-direttur u azzjonista Geoffrey Grech".

<u>Ikkonsidra</u>

Illi, ghalhekk it-talba in esami trid tigi michuda.  Ghal dawn il-motivi, jichad it-talbiet tas-socjeta rikorrenti bl-ispejjes kontra l-istess socjeta rikorrenti.

Paul X Sammut
Dep.Reg